A.L. 67 tal-2011

ATT DWAR IS-SIGURTÀ TAL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà tal-Ikel, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel, u għandhom jinqraw u jifthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2003 dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 138 tal-2003.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Frar, 2011.

Skop.

2. (1) Regolament 3 jimplimenta l-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/UE tat-28 ta' Jannar 2011 li temenda d-Direttiva 2002/72/KE fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi.

(2) Il-manifattura ta' materjali u tal-oġġetti tal-plastik intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel u li ma jkunux konformi mad-Direttiva 2011/8/UE li temenda d-Direttiva 2002/72/KE, hija projbita mill-1 ta' Marzu 2011.

(3) It-tqegħid fuq is-suq u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' materjali u tal-oġġetti tal-plastik intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel u li ma jkunux konformi mad-Direttiva 2011/8/UE li temenda d-Direttiva 2002/72/KE, huwa projbit mill-1 ta' Ġunju 2011.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, fis-Sezzjoni A fil-Parti II tagħha, minnufih wara l-partita 5 tagħha, għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"6. Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/KE (ĠU L 26, 29.1.2011, p. 11-14)".